**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7968 — EQT Services UK/Kuoni Travel Holding)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 108/07)

1. Fis-16 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]), li permezz tagħha l-fond ta' investiment EQT VII, ikkontrollat minn EQT Services (UK) Limited ("EQT" tar-Renju Unit) jakkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-impriża Kunoi Travel Holding Ltd kollha ("Kuoni" tal-Iżvizzera), permezz ta' offerta pubblika.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal EQT: fond ta' investiment. Il-kumpaniji tal-portafoll ta' EQT huma attivi f'numru ta' industriji u wieħed mill-fondi tagħha jikkontrolla l-katina ta' lukandi Scandic Hotel Groups, li hija attiva prinċipalment fl-Ewropa ta' Fuq.

— għal Kuoni: fornitur ta' servizzi lis-settur tal-ivvjaġġar dinji u lil gvernijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7968 — EQT Services UK/Kuoni Travel Holding, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").